MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-6 ta' April, 2009

Numru 338/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Nicolai Sant**
**vs**
**Edmond Fenech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Edmund Fenech ta' 38 sena iben Alfred u Josephine nee' Galea, mwieled Pieta fit-28 ta' Frar 1971 u residenti Flat 4 'App Yatch Marina' Block 7, Telghet G'Mangia, Pieta, ID 161171M.**

**Akkuzat talli nhar il-5 ta' April 2009 f'dawn il-Gzejjer f'xi hin bejn 10.00hrs u 16.30hrs, kkommetta serq minn gewwa l-fond 'Green Grove Court' Flat No 3, Triq il-Bajja tas-Salini, Naxxar ghad-dannu ta' Gary John Maden, liema serq hu aggravat bil-valur, bil-mezz u bil-lok.**

**Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 28A, 261(b) (c) u (d) u 263 u 269 (c), 267 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 278(3) ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu. Dwar il-piena, il-Qorti qed tikkunsidra li l-imputat rritorna l-hwejjeg kollha lura minnufih lil sidhom, li ghamel ammissjoni bikrija u li kkopera mal-pulizija. Ghal daqstant wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 28 tal-Kap 9 lill-imputat fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------